IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.2.2025
COM(2025) 33 final

2025/0015 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar iż-żieda tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar iż-żieda tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku mal-Anness 4 tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO").

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-Ftehimtad-WTO għandu l-għan li jikseb l-objettivi msemmija fil-preambolu tal-Ftehim. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

L-Unjoni Ewropea ("UE") hija parti għall-Ftehim.[1] Is-27 Stati Membri kollha huma wkoll partijiet għall-Ftehim. Id-WTO tista' tieħu deċiżjonijiet f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO.

2.2. Il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-Kunsill Ġenerali huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Membri kollha, li jiltaqgħu regolarment. Fl-intervalli bejn is-sessjonijiet tal-Konferenza Ministerjali, hija twettaq il-funzjonijiet tal-Konferenza Ministerjali, kif ukoll dawk assenjati lilha skont il-Ftehim tad-WTO.

2.3. Ir-raġuni għall-proposta u l-għan tagħha

In-negozjati lejn il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku tnedew f'Jannar 2019 meta ġiet stabbilita l-Inizjattiva Konġunta tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku ("JSI tal-kummerċ elettroniku"). In-negozjati ffukaw fuq l-istabbiliment ta' sett ta' regoli kummerċjali internazzjonali bażiċi li jirregolaw il-kummerċ diġitali li se jippromwovu u jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet diġitali. Il-Kummissjoni mexxiet in-negozjati f'isem l-UE.[2]

Fis-26 ta' Lulju 2024, wara ħames snin ta' negozjar, il-parteċipanti tal-JSI tal-kummerċ elettroniku laħqu test stabbilizzat tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku[3]. Dan il-ftehim komprensiv ikopri firxa wiesgħa ta' dixxiplini kummerċjali diġitali u, ladarba jiġi integrat fil-qafas legali tad-WTO, se jirrappreżenta l-ewwel sett ta' regoli globali li jirregolaw il-kummerċ diġitali. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku jinkludi: (1) dixxiplini ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ li jistgħu jwasslu għal kummerċ diġitali aktar bla xkiel kemm fil-pajjiżi kif ukoll bejn il-fruntieri (eż. dispożizzjonijiet dwar kummerċ mingħajr karti, kuntratti elettroniċi, awtentikazzjoni elettronika u firem elettroniċi); (2) dispożizzjonijiet biex tittejjeb il-fiduċja fl-ambjent tal-kummerċ diġitali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji (eż. dispożizzjonijiet dwar messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitluba, protezzjoni tal-

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986–1994) ĠU L 336 , 23.12.1994, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8993/19 tal-21 ta' Mejju 2019 li tissupplimenta d-direttivi ta' negozjar għall-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp rigward in-negozjati plurilaterali ta' regoli u impenji dwar il-kummerċ elettroniku.

3 Komunikazzjoni mill-Inizjattiva ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ Elettroniku, Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (26 ta' Lulju 2024), https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:/INF/ECOM/87.pdf

konsumatur online, ċibersigurtà, jew aċċess miftuħ għall-internet); u (3) dispożizzjonijiet li jwasslu għal ambjent kummerċjali diġitali internazzjonali aktar affidabbli, li jiffaċilitaw l-aċċess kontinwu tal-konsumaturi u tal-kumpaniji għall-internet u għas-servizzi elettroniċi bi prezzijiet affordabbli (eż. dispożizzjonijiet dwar pagamenti elettroniċi jew servizzi tat-telekomunikazzjoni). Il-Ftehim jinkludi wkoll projbizzjoni permanenti tad-dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi, li hija ta' importanza kummerċjali kbira u hija prijorità ewlenija għall-industrija tal-UE. Fl-aħħar nett, il-Ftehim jinkludi komponent ta' żvilupp, li għandu l-għan li jippermetti u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u tal-kumpaniji minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kummerċ diġitali.

Id-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-Ftehim huma konsistenti mal-acquis tal-UE u mhux se jeħtieġu xi sforz ta' implimentazzjoni mill-UE peress li diġà huma previsti bis-sħiħ fil-liġi tal-UE u tal-Istati Membri.

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku huwa mistenni li jsir parti mill-qafas legali tad-WTO bħala ftehim plurilaterali, formalment mehmuż mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO. Il-membri parteċipanti tad-WTO jippjanaw li jippreżentaw talba formali lill-Kunsill Ġenerali tad-WTO sa Frar 2025, li tfittex li tinkorpora l-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku skont l-Anness 4 f'konformità mal-Artikolu X: 9 tal-Ftehim tad-WTO. L-Artikolu X: 9 jordna li kwalunkwe żieda għall-Anness 4 teħtieġ deċiżjoni "esklussivament b'kunsens" mill-Kunsill Ġenerali.

Għal aktar ċarezza, din id-Deċiżjoni hija biss dwar il-possibbiltà li l-UE tingħaqad mal-kunsens dwar l-inkorporazzjoni legali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO. Din il-proposta *ma* tirrigwardax l-aċċettazzjoni formali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku mill-Unjoni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni se toħroġ proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku skont l-Artikolu 218(6) TFUE wara li jkun ġie miżjud mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO u jkun ġie ddikjarat miftuħ għall-aċċettazzjoni.

2.4. Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar *Rieżami tal-Politika Kummerċjali — Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva*,[4] il-Kummissjoni ħabbret dan li ġej: "Jeħtieġ li r-regoli tad-WTO jiġu allinjati mar-realtajiet ekonomiċi u kummerċjali tas-seklu 21. Fis-sustanza, il-prijorità għandha tkun li jiġu mmodernizzati r-regoli tad-WTO dwar il-kummerċ elettroniku, il-faċilitazzjoni tal-investiment, ir-regolamentazzjoni domestika tas-servizzi u dwar ir-rwol tal-istat fl-ekonomija, inkluż dwar is-sussidji."

L-att previst huwa kompletament konsistenti ma' dik il-Komunikazzjoni minħabba li huwa pass proċedurali meħtieġ skont ir-regoli tad-WTO biex il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku jiġi inkorporat fir-regoli tad-WTO.

2.5. Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-att previst huwa konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari mas-suq intern tal-Unjoni u mal-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

[4] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Rieżami tal-Politika Kummerċjali — Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, it-18 ta' Frar 2021, COM (2021) 66 final.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li l-UE tkun tista' tingħaqad ma' kunsens possibbli fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adozzjoni tal-att previst.

Filwaqt li għadu mhuwiex ċar jekk, u sa liema punt, il-Membri tad-WTO se jkunu jistgħu jilħqu kunsens dwar l-att previst, il-pożizzjoni tal-UE trid tiġi stabbilita minn qabel mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Il-bażi legali proċedurali

4,1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li *għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."*

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *"jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[5].

4,1.2. L-applikabilità għall-kawża preżenti

Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim tad-WTO, li skont l-Artikolu IV: 2 tal-Ftehim tad-WTO għandu l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha koperti minn kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet kummerċjali multilaterali, inklużi deċiżjonijiet li għandhom effetti legali.

L-atti previsti msemmija hawn fuq jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali, peress li dawn jistgħu jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni bis-saħħa tad-dritt internazzjonali.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim tad-WTO.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Il-bażi legali proċedurali

4,2.1. Il-prinċipji

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4,2.2. L-applikabilità għall-kawża preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

---

[5] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, paragrafi 61 sa 64.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Għeluq

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2025/0015 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar iż-żieda tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Il-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [data tal-opinjoni],

Tiegħu:

(1) Il-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") kien konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994[6] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

(2) Skont l-Artikolu X: 9 tal-Ftehim tad-WTO, il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") jista' jadotta deċiżjoni b'kunsens li jżid ftehim mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO.

(3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali, peress li d-deċiżjonijiet huma vinkolanti għall-Unjoni.

(4) In-negozjati lejn Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku tnedew formalment f'Jannar 2019. Il-Kummissjoni mexxiet in-negozjati f'isem l-UE. Il-membri parteċipanti tad-WTO laħqu test stabbilizzat tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fis-26 ta' Lulju 2024.

(5) Il-membri tad-WTO li jipparteċipaw fin-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku għandhom l-għan li jippreżentaw talba formali lill-Kunsill Ġenerali tad-WTO li tfittex li tinkorpora l-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku skont l-Anness 4 f'konformità mal-Artikolu X: 9 tal-Ftehim tad-WTO. L-Unjoni għandha tipparteċipa f'dik it-talba bħala pass preparatorju għal deċiżjoni possibbli tal-Kunsill Ġenerali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO għandha tkun:

[6] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

Tingħaqad mal-kunsens milħuq fost il-Membri tad-WTO bil-ħsieb li l-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku jiżdied mal-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President